**23 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

L-avukat Dottor Stephen Thake noe

*versus*

Maria Attard

**Kuntratt ta' Impjieg - Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg - L-Artikoli 34 (10) u 38 tal-Kap. 135**

*Impjegat li ma jagħtix in-notice huwa obbligat illi jħallas lil min jimpjegah ammont ekwivalenti għal-nofs il-paga li tkun dovuta għall-perijodu tan-notice in kwistjoni.*

*Skond il-Kap. 135, kondizzjonijiet ta' l-impjieg jinkludu paga, perijodu ta' l-impjieg, is-sigħat tax-xogħol u l-leave. Għalhekk l-Artikolu 38 jolqot ukoll it-terminazzjoni tal-kuntratt u m'hemm ebda ostakolu jekk xi ħadd jistipula f'kuntratt li jkun irid ikun hemm ħlas sostanzjali mill-impjegat jekk dan iħalli l-azjenda wara li jkun qed isegwi kors speċjalizzat li huwa mistenni li jagħmel biex jaqdi l-azjenda aħjar.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fid-19 ta' Frar, 1993, li bih l-attur, fil-kwalità tiegħu hawn fuq imsemmija - premessi d-

dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi b'kuntratt iddatat l-10 ta' Settembru, 1991 (Dok. A. a fol. 4 tal-proċess) is-soċjetà attriċi, allura msemmija Laferla Insurance Services Limited kienet impjegat lill-konvenuta taħt il-kondizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt;

Premess illi a tenur ta' l-artikolu 11 ta' l-istess kuntratt il-konvenuta kienet bdiet it-tagħlim imsemmi fl-istess artikolu, u l-ispejjeż inkorsi mill-attur nomine f'dan ir-rigward kienu jammontaw b'*kollox għal* seba' *mitt* lira u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm700 . 88ċ);

Premess illi fl-4 ta' Settembru, 1992, il-konvenuta tterminat unilateralment u mingħajr il-kunsens ta' l-attur nomine l-impjieg tagħha ma' l-istess attur nomine u b'dan il-mod ivvjolat id-disposizzjonijiet ta' *l-artikolu 12 tal-kuntratt ta' impjieg hawn* anness fejn ġie pattwit illi f'każ illi l-konvenuta hekk tittermina l-impjieg tagħha hija kellha tirrifondi 'l-attur nomine l-ispejjeż kollha nkorsi mill-istess attur sabiex il-konvenuta attendiet għat-tagħlim fuq imsemmi u, *di più*, l-istess konvenuta kellha tħallas lill-attur nomine somma ekwivalenti għas-salarju "*gross*" tal-konvenuta għall-perijodu ta' tliet xhur;

Premess illi, in vista, tal-fatt illi s-salarju "gross" tal-kovenuta meta hija tterminat l-impjieg tagħha kien ta' mija u ħamsa u disgħin lira (Lm195) fix-xahar u ta' l-iżborżamenti ta' l-attur lill-konvenuta fuq imsemmija s-somma komplessivament pagabbli mill-konvenuta hija ta' elf, mitejn u ħamsa u tmenin lira u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm1,285.88ċ) u dana bħala kumpens għal danni sofferti mill-attur nomine u llikwidati fil-kuntratt fuq imsemmi;

Premess illi interpellata tersaq għall-ħlas tal-kumpens stabbilit fil-kuntratt ta' impjieg fuq imsemmi, il-konvenuta baqgħet inadempjenti;

Talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara illi bit-terminazzjoni unilaterali ta' l-impjieg tagħha l-konvenuta rrendiet ruħha obbligata illi tħallas lill-attur nomine, in linea ta' danni llikwidati dik is-somma illi għandha tiġi llikwidata bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija skrittura;

2. tillikwida l-kumpens hekk pagabbli mill-konvenuta fis-somma ta' elf, mitejn u ħamsa u tmenin lira u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm1,285.88) jew somma verjuri illi tiġi llikwidata minn din il-Qorti;

3. tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lill-istess attur nomine in linea ta' kumpens għad-danni llikwidati permezz ta' l-istess skrittura ta' l-10 ta' Settembru, 1991, l-imsemmija somma ta' elf, mitejn u ħamsa u tmenin lira u tmienja u tmenin ċenteżmu (Lm1,285.88) jew somma verjuri illi tiġi llikwidata minn din il-Qorti kif fuq ingħad;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra ġudizzjarja tas-17 ta' Diċembru, 1992, u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-attur nomine;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta ppreżentata fit-18 ta' Marzu, 1993, li biha eċċepiet:

1. illi t-talbiet ta' l-attur nomine kif dedotti fiċ-ċitazzjoni huma insostenibbli u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu stante li l-ebda ammont ma jista' jiġi esegwibbli kif prospettat mill-attur nomine *ai termini* tal-liġi;

2. illi l-kuntratt ta' impjieg huwa, kif jirriżulta mill-istess u minnu nnifsu ddikjarat, wieħed indefinit b'dan illi huwa dritt ta' l-impjegat li jittermina l-istess skond it-termini u disposizzjonijiet ikkontenuti fil-Kap. 135 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. illi l-istess kap jipprospetta "d-dannu" li talvolta min jimpjega jista' jesiġi;

4. illi bla preġudizzju l-attur nomine għandu jġib prospett u l-provi relattivi ta' l-ispejjeż minnu allegatament inkorsi;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-provi kollha prodotti;

Rat id-dokumenti kollha esibiti;

Ikkunsidrat:

Illi sostanzjalment il-vertenza kollha bejn iż-żewg partijiet tirrisolvi ruħha f'diffikultà legali waħda. Kif jidher mill-ftehim esibit bħala Dokument "X" a fol. 31 tal-proċess, kien ġie stipulat bejn il-partijiet, kif jidher -

"12. *Where for any reason whatsoever, barring 'force majeur', the Employee, without the Employer's consent terminates or purports to terminate her employment or otherwise through her misconduct justifies her dismissal from her*

*employment with the Employer before having continued in employment for a period of at least five (5) years from the date of her receiving the ACII diploma or before the tenth (10) September, 1991, whichever date to be the later, the Employer shall, in addition to any other payments due to the Employer in terms of Law, be entitled to demand and receive from the Employee who shall be obliged to pay and advance, a sum equivalent to all the expenses incurred by the Employer in connection with the 'Mediterranean Insurance Training Centre' courses and the ACII diploma in terms of Clause eleven (11) of the agreement plus a further payment equivalent to:*

*a) three (3) months' previous gross salary, if the Employee would not yet have attained her ACII diploma,*

*or:*

*b) six (6) months' previous gross salary, if the Employee would have already attained her ACII diploma.*

*It is expressly agreed by the parties that the penalties contemplated hereabove shall be payable by way of liquidated damages and parties furthermore exclude the faculty and right of Court to abate such sum. For the purposes of this agreement it is declared and agreed that the pregnancy, marriage or emigration of the Employee shall not constitute 'force majeur'."*

Min-naħa l-oħra l-konvenuta ssostni illi una volta illi hawnhekk il-partijiet kellhom konvenut bejniethom ftehim ta' impjieg indefinit, allura l-uniċi danni li setgħet tkun responsabbli għalihom il-konvenuta huma dawk naxxenti mil-liġi ordinarja tal-pajjiż in materja, u ċjoè l-uniku obbligu tal-konvenuta kien illi din tagħti n-*notice period* stipulat bil-liġi u xejn iżjed;

Bejn dawn *iż-żewġ posizzjonijiet*, il-qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

1. Jidher illi bil-kuntratt esibit bħala Dokument "X", il-partijiet kienu ntrabtu b'kuntratt ta' impjieg ("*contract of service*") fejn is-soċjetà attriċi kienet impjegat lill-konvenuta għal skop partikolari b'rimunerazzjoni partikolari u bil-kundizzjonijiet ikkontenuti fl-istess ftehim. Skond il-klawsola 11 ta' l-istess ftehim l-impjegata, konvenuta, intrabtet illi a spejjeż tas-soċjetà attriċi kellha tattendi l-Mediterranean Insurance Training Centre u hemmhekk issegwi korsijiet li jwasslu għad-diploma ACII u tagħmel l-eżamijiet relattivi;

Ġie kontenut ukoll illi jekk l-impjegata titlaq mix-xogħol mingħajr raġuni valida qabel ħames snin mid-data li tieħu l-ACII diploma, allura kien ikun hemm ċerti konsegwenzi li diġà ġew spjegati aktar *'il fuq f'din is-sentenza*;

Il-Qorti rat ukoll *illi a tenur* ta' l-artikolu 34 (10) tal-Kapitolu 135, impjegat li ma jagħtix in-'*notice*' huwa obbligat illi jħallas lil min jimpjegah ammont ekwivalenti għal nofs il-paga li tkun dovuta għall-perijodu tan-'*notice*' in kwistjoni;

*Il-Qorti* rat *ukoll il*-provvedimenti *ta' l-artikolu* 38 ta' l-istess Kapitolu 135. Dan jgħid espressament:

"Jekk mhux f'każ kif provdut xort'oħra b'dan l-Att, jekk kuntratt ta' servizz bejn impjegat u l-prinċipal tiegħu jipprovdi għal kundizzjonijiet ta' impjieg, inkluż it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli għall-impjegat minn dawk speċifikati fi jew taħt l-Att, dan għandu jkollu effett daqslikieku u minflok dawk il-kundizzjonijiet kien hemm imdaħħla l-

kundizzjonijiet speċifikati fi jew taħt dan l-Att;''

Fil-waqt illi l-konvenuta tara dan l-artikolu bħala tassattiv u bħala kwindi illi dan jissupera l-kondizzjonijiet li ftehmet dwarhom fil-kuntratt ta' l-impjieg tagħha, is-soċjetà attriċi tara illi la hija għażlet li tinvesti ċerti ammonti ta' flus a spejjeż tagħha fl-edukazzjoni ta' l-impjegat, dan jesorbita mill-applikazzjoni tal-Liġi;

Il-Qorti kkunsidrat:

Illi l-att li jirregola l-impjieg huwa intiż biex jagħti ċerti protezzjonijiet u ċerti benefiċċji lill-impjegat. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubbju illi l-investiment li qed tagħmel is-soċjetà attriċi qed tagħmlu in konsiderazzjoni, almenu in *maggior parte*, tal-benefiċċju li hija ser tgawdi minn tali edukazzjoni ta' l-impjegata. Huwa riskju kkalkolat u konsegwentement ma jistax jingħad illi dan huwa investiment purament a benefiċċju ta' l-impjegat u li b'hekk ma tapplikax il-liġi kif toħroġ mill-Kapitolu 135;

Min-naħa l-oħra l-Qorti tara illi l-provvedimenti ta' l-artikolu 38 tal-Kapitolu 135 huwa tassativ u mingħajr l-ebda eċċezzjoni. Però eżami akkurat ta' l-istess artikolu 38 juri illi dak illi l-Liġi qiegħda tipprovdi dwaru jorbot dak illi huwa definit bħala kundizzjonijiet ta' l-impjieg inkluż it-terminazzjoni ta' l-istess kuntratt. Issa dan għandu jitqies li japplika għal kwalunkwe kundizzjoni f'kuntratt ta' servizz, jew inkella għall-kundizzjonijiet li l-liġi trid verament tipproteġi bħala *minimum*?

Huwa importanti fil-fehma tal-Qorti li wieħed jara preċiżament għal x'hiex qiegħda tirreferixxi l-liġi. It-terminu

"kundizzjonijiet ta' l-impjieg" huwa interpretat mill-istess Kapitolu 135 fil-paragrafi rilevanti taħt l-artikolu 2 (1) li jagħti definizzjoni ta' ċertu termini fondamentali użati fil-liġi. "Kundizzjonijiet ta' impjieg" huwa definit bħala li jinkludi paga, perijodu ta' impjieg, is-sigħat tax-xogħol u l-'*leave*';

Mela, fl-artikolu 38 huma dawn il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg, li magħhom jiżdied *in virtù* ta' l-istess artikolu t-terminazzjoni ta' l-istess kuntratt, illi huma milquta;

U l-Qorti tara li din hija interpretazzjoni loġika billi li kieku ma kienx hekk, u l-provvedimenti ta' l-artikolu 38 japplikaw għal kwalunkwe kundizzjoni *in* ġenerali, kieku allura ma kien ikun hemm l-ebda skop illi jsiru kuntratti u ftehim ta' impjieg ta' natura partikolari bejn impjegat u min iħaddem bl-għan illi jiġu kristallizzati l-kundizzjonijiet partikolari tar-relazzjoni ta' bejniethom. Fil-każ in eżami jekk min impjega kellu f'moħħu ċertu tip ta' kundizzjoni bħalma ġie stipulat fil-paragrafu 12 ta' l-istess ftehim, allura m'għandux ikun prekluż milli jagħmel dan, mhux biss kif fuq intqal għall-ġid ta' l-impjegat imma anke għall-ġid ta' l-istess azjenda;

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti ma tarax illi tista' tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta f'dan is-sens billi l-Qorti tirritjeni illi l-klawsola 12 ta' l-istess ftehim esibit maċ-ċitazzjoni għandha validità skond il-liġi;

Kwantu għat-talba ta' l-attur nomine, il-Qorti rat in-nota ta' riduzzjoni ppreżentata fis-26 ta' Mejju, 1994, fejn l-ammont mitlub ġie ridott għal elf u disgħa u erbgħin (Lm1,049);

Il-Qorti ma jidhirlhiex illi nġiebet xi prova kuntrarja għal

dak ippruvat mill-attur nomine f'dan ir-rigward, u konsegwentement prevja ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, il-Qorti tilqa' t-talbiet ta' l-attur u għall-finijiet tat-tielet talba tillikwida d-danni in kwistjoni fl-ammont ta' Lm1,049;

Spejjeż għall-konvenuta.